

# Il-Festa ta' San Ġorġ Martri
## Ftit tagħrif mill-imgħoddi

- *Pawlu Sammut | Viċi-President*

**Disgħin sena ilu – 1929**

Fil-festa tal-1928, il-Kumitat tal-festa inkariga lill-Professur Alfio Sampieri u lil Carlo Famoso, sabiex iħejju programm varjat ta' piroteknika lejliet il-festa tas-sena ta' wara, jiġifieri tal-1929, fi Pjazza Vallone. Il-kumitat fassal programm ieħor kbir kif ukoll festival bejn id-dilettanti tan-nar.

Għall-festa tal-1929, il-kumitat aċċetta li jiġi jaħdem in-nar Signor Filippo Caffarelli bi ħlas ta' sitt xelini u tmien soldi kuljum. Il-programm kien jinkludi nar mid-dilettanti Qriema wkoll, logħob tan-nar minn Enrico u Espedito Camilleri minn Birkirkara, murtali mid-dilettanti Qriema Ġużeppi Caruana "Il-Bezzi" u Carmelo Sammut "Iż-Żebb", murtali tal-kulur mit-tewmin Tonna tal-Belt u wara ħarqa nar tal-Professur Filippo Caffarelli, li barra l-'gioco di fuoco' u l-murtali tal-kulur, spiċċa b'kaxxa infernali. Waqt il-purċissjoni kellu jsir akkumpanjament bil-murtali tal-kulur maħduma mill-istess Filippo Caffarelli. F'kull mument, il-kumitat irriserva d-dritt li jistabbilixxi kemm u meta kellu jsir il-logħob tan-nar.

**Tmenin sena ilu – 1939**

Kienet l-aħħar festa qabel it-Tieni Gwerra Dinjija, fejn minbarra s-sehem tal-Banda San Ġorġ Martri, il-kumitat tal-festa kien stieden erba' baned barranin għal lejliet il-festa u sitt baned oħra għal jum l-festa.

Minħabba li l-awtortajiet ċivili iriffjutaw li jagħtu permess li jinġiebu Taljani u Sqallin sabiex jaħdmu n-nar għall-festa ta' San Ġorġ, in-nar kollu tal-festa kien inħadem mid-dilettanti Qriema stess. Insibu jaħdmu n-nar għal dik il-festa lil Carmelo Sammut "iż-Żebb", lil Salvatore Debono "ta' Ċomba", Giorgio Debattista "Tlakulu", Spiridione Cassar "iċ-Ċojja", Giuseppe Zahra, Angelo Fava "ta' Fufa",

Carmelo Fava "ta' Qalleb", u dliettanti oħra. Tajjeb li ngħidu li filwaqt li l-"gioco di fuoco" nhar lejlet il-festa kien isir fi Pjazza Vallone, jiġifieri fil-wied, dak tal-aħħar tat-tridu kien isir quddiem il-knisja arċimatriċi.



Dik is-sena wkoll, fl-1939, nhar is-16 ta' April, iżżanżnet il-palma tad-deheb mastizz ta' San Ġorġ u tbierket mill-Arċisqof Mons. Don Mauro Caruana.

Nhar id-19 ta' Ġunju tal-istess sena, ġiet deċiża mill-appell il-kawża dwar l-armar tal-festa ta' San Ġorġ. Il-qorti ddeċidiet li l-armar li kien jintrama għall-festa ta' San Ġorġ Martri, jibqa' għall-festa ta' San Ġorġ. Mat-tħabbira tas-sentenza, kien hemm ferħ kbir fil-parroċċa u l-Ġorġjani ħarġu jifirħu għal din l-aħbar. Il-kumitat kien qabbad lill-kuntrattur tad-dawl sabiex jixgħel it-triq prinċipali u l-għada sar marċ mat-toroq tal-parroċċa. Sabiex jiċċelebraw din l-okkażjoni, kien sar ukoll sparar tal-murtali.

Minħabba li kienet qed tinħass sew it-tensjoni tal-gwerra, il-Gvern Kolonjali kien ordna li ebda sparar ta' murtali ma seta' jsir, u nhar it-8 ta' Lulju, 1939, inħarġet taħrika ta' kawża tal-pulizija kontra Antonio Azzopardi, bħala segretarju tal-Kumitat Festi Esterni u l-persuna responsabbli mill-każin tal-istess kumitat, akkużat li nhar l-20 ta' Ġunju tal-istess sena, spara l-bombi minn fuq il-bejt tal-każin tal-festa ta' San Ġorġ, numru 10, Strada Reale San Giorgio, mingħajr permess tal-pulizija. F'din il-kawża, is-segretarju kien illiberat u ordnat ma jerġax darba oħra.

In-nar fil-festi kellu jieqaf u fuq ordni tal-Gvern Kolonjali, il-post u l-maħżen tan-nar ta' San Ġorġ ġew irrekwiżizzjonati mill-Colonial Officer, għall-użu tal-gwerra sabiex jintużaw bħala depot. Il-kmamar u l-post reġgħu waqgħu f'idejn il-kumitat tal-festa wara l-gwerra. Insibu li nhar it-28 ta' Ġunju, 1944, il-kaxxier tal-kumitat, Dun Lawrenz Saliba, kiteb lill-kaxxier tal-Colonial Pay Office, sabiex iġedded iċ-ċekkijiet tal-kera tal-imħażen tan-nar għaliex kienu skadew u ma setax isarrafhom.

Fl-1944 spiċċat il-gwerra u l-festa ta' San Ġorġ reġgħet bdiet tieħu r-ruħ. Il-kumitat tal-festa reġa' beda jiffunzjona sew u nħareġ l-armar u t-tiżjin fit-toroq tal-purċissjoni. Inġiebu l-permessi kollha meħtieġa u ħadu sehem fil-festa ż-żewġ baned ta' Ħal Qormi, jiġifieri l-Banda San Ġorġ Martri u l-Banda Pinto. Baned

*ikompli f'paġna 54*

oħra li ħadu sehem dik is-sena kienu l-Baned La Vallette u l-King's Own mill-Belt Valletta, il-Banda Santa Elena ta' Birkirkara, il-Banda San Ġużepp ta' Ħal-Għaxaq, il-Banda San Nikola tas-Siġġiewi, il-banda San Piju X ta' Ħal-Lija, il-banda Queen Victoria taż-Żurrieq u s-Salesian Boys Brigade ta' Tas-Sliema.

**Sebgħin sena ilu – 1949**



Kien nhar it-Tlieta, 17 ta' Mejju, 1949, tard waranofsinhar. Bosta nies miġmugħa fi Pjazza San Franġisk kienu qed jassistu għat-tlugħ ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel għal fuq il-pedestall tal-istess statwa, meta nqatgħet iċ-ċima li kienet torbot liż-żewġ antarjoli flimkien mal-kappella u niżel kollox b'tisbita mal-art, fejn saret ħsara kbira lill-istess statwa. L-antarjoli laqtu wkoll wire tad-dawl li miegħu kienet imdendla l-bozza f'nofs il-pjazza. F'dan l-inċident kienu weġġgħu Pawlu Muscat "il-Boġu" u Ġużeppi Fenech "il-Balalajka".

Il-membri tal-kumitat ħadmu u rsistew qatigħ sabiex jerġġgħu jsewwu l-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel malajr kemm jista' jkun u għalhekk kienu avviċinaw lil Xandru Mallia, it-tifel ta' Karmnu Mallia "il-Lhudi", li ta' spiss kien jaħdmilhom fuq restawr tal-istatwi, sabiex jidħol għal din il-biċċa xogħol u jsewwi l-istatwa. Ma kenitx ħaġa faċli, iżda Xandru, bin is-sengħa u mrobbi f'dan il-mistier, ma qatax qalbu, u wara li ħadem lejl u nhar, lesta mill-ġdid din l-istatwa. Wara l-festa, l-istatwa reġgħet ittieħdet għand Xandru sabiex jagħmel xogħol ta' restawr aħjar fuqha. L-ispiża għal dan ir-restawr kienet ta' £70-15s-6d.

Wara dan l-inċident, il-kumitat qabbad lil Salvu Debono, membru fi ħdan l-istess kumitat, sabiex jieħu ħsieb li jsir apparat ġdid u dak kollu li kien hemm bżonn sabiex l-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel tittella' aħjar u mingħajr periklu. Din is-sistema u l-apparat għadu jintuża sal-lum.

**Ħamsin sena ilu – 1969**

Fl-1969, waqt seduta tal-kumitat tal-festa, kienet intlaqgħet proposta sabiex l-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel tibda tiddawwar mat-toroq tal-parroċċa fil-

ġimgħa tal-festa, akkumpanjata bid-daqq tal-banda. Il-kumitat qabel li jsir dan sabiex jintlaħqu aktar residenti madwar il-parroċċa tagħna u l-istatwa tibda tgħaddi minn toroq bħal Triq l-Isqof Scicluna u nħawi oħra. Wara, l-istatwa tittella' fuq il-pedestall f'Misraħ San Franġisk bid-daqq tal-innu popolari.

Sas-sena 1969 baqa' jsir tentattiv sabiex il-kumitat jerġa' jibda jġib lit-Taljani jaħdmu ġ-ġiġġifogu nhar lejlet il-festa. Il-kumitat baqa' jagħmel ħiltu kollha, iżda ma rnexxilux jasal fi ftehim. Ħafna drabi n-nar tal-art kien jiġi ordnat għand Ġakki Camilleri tal-Qrendi.

**Erbgħin sena ilu – 1979**

Għall-festa tal-1979, il-kumitat qabel li l-logħob tan-nar tal-art, li s-soltu kien isir fi Pjazza Federico Maempel, jibda jsir fejn il-Vitorja. Il-kumitat qabbad lil Geronzio Azzopardi, membru fil-kumitat tal-festa, sabiex jieħu ħsieb din l-attività. Fl-istess sena l-Kumitat Festi Esterni ħareġ l-ewwel kalendarju bil-kulur.

**Ħamsa u tletin sena ilu – 1984**



Festa speċjali f'għeluq l-400 sena mill-bini tal-knisja preżenti. Il-kumitat ħadem u rsista qatigħ sabiex jagħti sehmu u l-festi jkunu kbar. Fi Triq il-Vitorja żżanżnu pavaljuni ġodda li nħietu minn Joseph Attard, iżżanżnu pavaljuni oħra fi Triq Pinto u fi Triq San San Ġorġ u Triq Anici, kif ukoll bnadar ġodda fi Triq Dun Mario. Iżżanżnu wkoll bandalori bil-pittura, xogħol Pawlu Galea tar-Rabat u li nħietu minn Alfred Debono. Dawn saru bl-inizjattiva tal-membri żgħażagħ fi ħdan il-kumitat, fosthom George Schembri, Joseph Spiteri, Charles Schembri u Joseph Bezzina.

Bħala parti mill-festi ċentinarji tal-1984, reġgħet żżanżnet l-isbaħ opra tal-armar tal-festa tagħna, jiġifieri l-Palk Prinċipali. Ġie inawgurat mill-ġdid nhar il-Ħadd,

*ikompli f'paġna 56*

1 ta' Lulju, jiġifieri Ħadd qabel il-festa, fejn il-Banda San Ġorġ Martri għamlet programm fuqu. Ix-xogħol ta' tiswija u rħamar sar mir-Rev. Dun Pawl Genovese, filwaqt li l-induratura saret mill-Kan. Dun Mikiel Zammit. Ix-xogħol fuq is-saqaf u l-ħadid kien inħadem minn George Zammit "ta' Xiffa". Ħadem fuqu wkoll David Gatt, "Kikku" u żgħażagħ oħra li taw l-għajnuna tagħhom.



Nhar it-18 ta' Lulju 1984, bħala parti mill-festi speċjali, f'għeluq is-17-il ċentinarju mit-twelid ta' San Ġorġ Martri, il-parroċċa arċimatriċi laqgħet fostna r-relikwija għażiża tal-qurriegħa tar-ras ta' San Ġorġ li tinsab fil-Bażilika ta' San Giorgio in Velabro, f'Ruma.

Nota mill-awtur: Dati, ismijiet u dettalji oħra jinsabu fil-minuti tal-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ Martri.


MAGRI BATHROOMS



Cannon Road, Qormi
Tel : 21486883, 27486883
*Open all day from 8.30 till 19.00*
**www.magribathrooms.com**